# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tal-Ġimgħa, 2 ta' Lulju 2021

## Talba Numru 89/2021SFJ

**MARK MIFSUD (175472M) U MARCELLE MIFSUD (487375M)**
**vs.**
**CHARLES BEZZINA (497048M) U MARIA STELLA BEZZINA (622352M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba fit-12 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu l-attur talbu li l-konvenuti jkunu ikkundannati jħallsuhom l-ammont ta' elf u mitejn u erbgħin Ewro rappreżentanti spejjeż ta' xogħlijiet fil-garaxx tal-istess atturi, liema xogħlijiet l-konvenuti kienu ntrabtu li jwettqu sat-30 ta' Novembru 2020 skont kuntratt datat 29 ta' Settembru 2020 fl-atti tan-Nutar Dr George sive Jurgen Galea, liema xogħlijiet baqgħu qatt ma saru;

Ra ulterjorment li l-atturi talbu li l-konvenuti jkunu kkundannati jħallsuhom l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-30 ta' Novembru 2020 sad-data tal-ħlas effettiv, kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża;

Ra li l-konvenuti ġew validament innotifikati bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ;

Ra li l-*pink card* tan-notifika ma kellhiex data fuqha stante li għal xi raġuni, il-pustier ma kitibx data, iżda billi t-timbru iswed tar-riferta sar fil-5 ta' April 2021, huwa evidenti li n-notifika lill-konvenuti saret f'xi żmien qabel dik id-data;

Ra li l-konvenuti ma ppreżentawx Risposta u lanqas dehru sabiex jikkontestaw il-kawża;

Ra li fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2021, ġie ppreżentat l-affidavit tal-attur Mark Mifsud b'dokumenti annessi u d-difensur tal-atturi ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi; u

Ra li stante li kien ilu li għadda t-terminu għar-Risposta u stante li l-atturi għalqu l-provi tagħhom, il-kawża tħalliet għas-sentenza għat-2 ta' Lulju 2021.

**<u>Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal ra sewwa l-affidavit tal-attur Mark Mifsud u ra li huwa elenka x-xogħlijiet li kellhom isiru mill-konvenuti (ara fol. 13). Din il-lista ta' xogħlijiet hija misjuba fl-att notarili tan-Nutar Dr George sive Jurgen Galea (li tiegħu ġiet ippreżentata kopja legali minn fol. 32 sa 38). Il-paragrafu numru "5" tal-att (ara fol. 35) jagħti lista ta' xogħlijiet li kellhom jagħmlu l-konjuġi Bezzina, jiġifieri l-konvenuti, sat-30 ta' Novembru 2020.

Il-partijiet kienu qablu li l-valur tax-xogħlijiet kien ta' elf u mitejn u erbgħin Ewro (€1,240), liema somma kienet tħalliet man-nutar bl-istruzzjonijiet li s-somma tkun mgħoddija lill-konvenuti kemm-il darba x-xogħol jitlesta sat-30 ta' Novembru 2020. L-att notarili jgħid, iżda, li f'każ li x-xogħlijiet jew parti minnhom ma jkunux tlestew sad-data msemmija, l-ammont relattiv għandu jkun irritornat lill-atturi. Inoltre, f'każ ta' nuqqas ta' qbil, in-nutar ġie awtorizzat jiddepożita s-somma relattiva fir-Reġistru tal-Qorti.

Fl-affidavit tiegħu, l-attur Mark Mifsud jgħid, *inter alia*:

- Li nhar id-29 ta' Settembru 2020 sar l-att finali biex ġie mixtri garaxx u l-konvenuti kienu ntrabtu jagħmlu l-imsemmija xogħlijiet;

- Li fit-23 ta' Novembru 2020, il-Perit Konrad Bezzina, iben il-konvenuti, bagħat in-numru tat-telefon ta' ċertu "Faisal" lill-atturi;

- Li Mark Mifsud iltaqa' ma' dan il-persuna u wrieh fejn kellu jsir ix-xogħol u eżattament x'kellu jsir;

- Li finalment, minkejja li eventwalment kien miftiehem li jibda x-xogħol fit-28 ta' Novembru 2020, ma mar ħadd u ma sar ebda xogħol;

- Li fl-1 ta' Diċembru 2020, l-atturi nfurmaw lin-nutar li x-xogħlijiet kienu għadhom ma sarux u talbu li jingħatawlhom lura l-flus miżmuma min-nutar. Il-konvenuti rrifjutaw li jawtorizzaw lin-nutar sabiex jirritorna l-ammont lill-atturi u talbu, minflok, li binhom il-Perit Konrad Bezzina jkun awtorizzat iqabbad nies hu biex isiru x-xogħlijiet.

It-Tribunal josserva li billi l-konvenuti ma ppreżentawx Risposta u ma ressqu ebda provi, dawk il-provi li tressqu mill-atturi mhumiex ikkontestati.

Huwa evidenti mill-atti li kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet. Minħabba tali nuqqas ta' qbil, il-kuntratt kien jipprovdi li n-nutar seta' (iżda ma kienx obbligat) jiddepożita l-ammont ta' elf u mitejn u erbgħin Ewro fir-Reġistru tal-Qorti. *Ex officio*, it-Tribunal għamel it-tiftix tiegħu u skopra li nhar il-5 ta' Jannar 2021, in-Nutar Dr George sive Jurgen Galea ippreżenta ċ-ċedola ta' depożitu li ġġib in-numru 5/2021 u l-*cash number* 63/1/2021 u hija fl-ismijiet ***<u>Nutar George sive Jurgen Galea vs. Carmel sive Charles Bezzina u Mark Mifsud</u>***. It-Tribunal jirrileva, għal kull buon fini, li skont id-*database* tal-Qorti, kemm Charles Bezzina kif ukoll Mark Mifsud ġew innotifikati biċ-ċedola.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et</u>*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***<u>Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***<u>Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u qara l-affidavit tal-attur Mark Mifsud, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li l-atturi jimmeritaw li jieħdu lura l-ammont reklamat minnhom skont l-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal jifhem iżda li hemm żewġ mezzi kif l-atturi jieħdu lura l-ammont reklamat minnhom. Huma jistgħu jagħmlu rikors fl-atti taċ-ċedola sabiex jiżbankaw l-ammont iddepożitat min-nutar hekk kif din is-sentenza ssir *res iudicata* (u mar-rikors jippreżentaw kopja awtentikata ta' din is-sentenza) inkella jiksbu l-ammont direttament mingħand il-konvenuti permezz tal-mandati opportuni iżda mbagħad jintrabtu li jiffirmaw li m'għandhom ebda oppożizzjoni li l-konvenuti jiżbankaw l-ammont iddepożitat permezz taċ-ċedola. Jispetta lill-atturi li jagħżlu xi mezz minn dawn.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li ra l-atti u l-provi mressqa, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta fl-Avviż tat-Talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsuhom l-ammont ta' elf u mitejn u erbgħin Ewro (€1,240) bil-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, dekorribbli mit-30 ta' Novembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' din l-azzjoni għandhom jitħallsu mill-konvenuti u jordna ulterjorment li fit-twettiq tal-parti dispożittiva ta' din is-sentenza, il-partijiet għandhom jipproċedu skont dak li ntqal mit-Tribunal fil-paragrafu eżattament qabel id-deċide.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**